MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 762/2007

**Matthew Cilia**

**vs**

**Cuschieri Brothers Aluminium Limited u Louis Cuschieri u b'digriet tat-Tribunal ta' nhar l-Erbgha 04 ta' Frar, 2009 l-isem 'Louis' gie mhassar u sostitwit bl-isem 'Leonard'.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' elf tmienja u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€1049.85) gja LM450.70 hsarat fuq vettura inkluz l-ispejjez tal-procedura tal-arbitragg numru M917/2007 fl-ismijiet Middle Sea Insurance u Titan International Limited vs Matthew Cilia deciza fit-12 ta'Mejju, 2007 kontra l-attur bhala mpjegat tal-konvenut u liema vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFB-211 kienet misjuqa mill-attur proprjeta' tas-socjeta' konvenuta jew il-konvenut Leonard Cuschieri

liema ammont skont l-ittra legali tat-12 ta' Settembru, 2007 jammontaw fis-somma hawn fuq imsemmija.

Bl-spejjez u bl-interessi mid-data tal-prezenti.

Ra r-risposta ssollevata mis-socjeta' konvenuta u mill-konvenut Leonard Cuschieri fejn inghad illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-hsarat subiti fl-incident awtomobilistiku kienu tort tal-atttur u mhux tort tal-konvenuti u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi l-hsarat '*ex delicto'* bl-ebda mod ma tista' tigi rinversa fuq il-konvenuti meta hija naxxenti min-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, negligenza jew/u tort tal-attur u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-incident li fih kien involut l-attur ma terzi huwa '*res inter alios acta'* ghall-konvenuti stante li huma ma kienux parti f'dan l-incident awtomobilistiku;

Illi l-attur kien jaf li huwa ma jistax isuq vetturi tas-socjeta' konvenuta peress illi ma kienux koperti b'assikurazzjoni u b'mod abuziv u illegali qabad u saq il-vettura tas-socjeta' konvenuta meta seta' jsuq il-vettura persuna ohra li kienet fuq il-lant tax-xoghol u ghandha aktar minn 25 sena;

Illi b'negligenza, pigrizja u b'mod illegali l-attur saq il-vettura tal-konvenuti meta ma kienx awtorizzat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Sema x-xhieda ta' Matthew Cilia, Leonard Cuschieri u Joni Gorge Cajal.

Illi fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2008 il-partijiet iddikjaraw illi qed jistriehu fuq il-provi li hemm fil-process .

## IKKUNSIDRA

Illl din il-kawza titratta dwar rizarciment ta’ spejjez wara incident awtomobilistiku li ggarrbu  mill-attur, meta huwa kien impjegat tas-socjeta’ konvenuta. Jirrizulta illi  kien qed isuq vettura proprjeta’ ta’ Leonard Cuschieri, il-principal tieghu,  fil-hin tax-xoghol. Illi din il-vettura kienet tintuza ghal xoghol tas-socjeta’ konvenuta  u Leonard Cuschieri huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta’ konvenuta. Is-socjeta’ konvenuta kif ukoll il-konvenut Leonard Cuschieri cahdu t-talbiet attrici u qalu illi l-attur kien uza l-vettura appartenenti lill- Cuschieri  minghajr il-permess ta’ Cuschieri jew tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk l-ispejjez u t-tort ta’ l-incident ghandu jbatihom l-attur, izda l-attur sostna illi huwa dejjem kellu permess isuq din il-vettura.

Mill-provi jirrizulta illi l-attur kien involut f’incident awtomobilistiku fis-17 ta’ Novembru, 2005 f’Birkirkara hdejn l-Isptar Mater Dei waqt li huwa kien qed isuq il-vettura TFB-211 proprjeta’ ta’ Leonard Cuschieri u habat ma vettura bin-numru EAH-085 misjuqa minn Reuben Balzan. Skond decizjoni  numru M917/2007 moghtija mic-Centru tal-Arbitragg, l-attur Matthew Cilia gie ddikjarat unikament responsabbli ghall-incident imsemmi u gie kkundannat ihallas l-ispejjez lill-parti l-ohra kif ukoll l-ispejjez tal-arbitragg.

Illi mill-provi rrizulta illi l-attur, bhala s-sewwieq tal-vettura TFB-211, ma kienx kopert b’assikurazzjoni peress illi l-vettura kienet assikurata ghal sewwieqa ‘l fuq minn 25 sena u huwa fiz-zmien tal-incident kellu 20 sena. Illi fil-waqt illi l-attur qal illi huwa kien qed isuq il-vettura waqt il-hin tax-xoghol fuq struzzjonijiet ta’ min kien qed ihaddmu, l-konvenuti qalu illi l-attur ma kellux permess isuq il-vettura fuq xoghol. Kemm Cuschieri u kemm ‘*il-foreman*’ tas-socjeta’ konvenuta  li kien il-bniedem inkarigat li jaghti struzzjonijiet lill-attur kienu jafu kemm illi l-vettura kienet assikurata  ghal sewwieqa ‘l fuq minn 25 sena u kemm li l-attur kien taht l-eta’ indikata fil-polza t’ assikurazzjoni .

L-attur xehed illi huwa kien impjegat bhala lavrant u kien jigi ta’ spiss imqabbad isuq il-vann kemm mill-konvenut Leonard Cuschieri kif ukoll minn certu Joni George Cajal ta’ nazzjonalita’ Iraqqina li kien jahdem bhala ‘*foreman’* mas-socjeta’ konvenuta u li f’skala ta’ impieg kien jigi fuqu . Illi huwa dejjem uza l-istess vann involut fl-incident awtomobilistiku tas-17 ta’ Novembru, 2005. L-attur xehed illi kien biss wara l-incident li l-konvenuti skoprew il-fatt illi huwa ma kienx kopert bl-assikurazzjoni tant illi sa dak inhar ta’ spiss kien juza l-vann.

L-attur spjega lit-Tribunal kif wara l-incident meta huwa kien jipprova jiddiskuti ma Leonard Cuschieri il-korrispondenza li kien jircievi dwar l-incident mis-socjeta’ assikuratrici, Leonard Cuschieri kien jghidlu sabiex ihalliha ‘ *hemm*.’ Sussegwentement, gharraf lill-konvenuti bil-proceduri fic-Centru ta’ l-Arbitragg izda l-konvenuti ma hadu ebda azzjoni sabiex jghinuh u meta gharrafhom bid-decizjoni Leonard Cuschieri qallu illi huwa kellu jhallas il-kont tal-arbitragg. Konsegwentament wara li baqa’ ma thallasx, Cilia kellu jiftah il-kawza odjerna sabiex jithallas.

Illi mix-xhieda tal-‘*foreman’* tas-socjeta’ konvenuta Cajal, kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut it-tnejn ikkonfermaw illi l-attur ma kellux permess isuq il-vettura u li fil-gurnata tal-incident hadd minnhom ma kien tah ic-cavetta tal-vettura sabiex isuqha. Illi fil-gurnata tal-incident Cajal qal illi huwa kien bghat lill-attur fuq qadja sabiex igiblu xi lakstu minn kamra li kellhom ‘*on site’* fl-Isptar Mater Dei waqt il-fazi ta’ kostruzzjoni ta’ l-isptar. Qal illi minflok mar bil-mixi kien mar bil-karozza. Cajal qal ukoll illi huwa kien jaf illi l-attur ma kellux isuq il-vettura peress illi kien jaf illi l-assikurazzjoni kienet tkopri biss sewwieqa ‘l fuq minn 25 sena. Mistoqsi mit-Tribunal minn ta c-cavetta tal-vettura lill-attur fil-gurnata ta’ l-inident Cajal wiegeb illi c-cwievet kienu jithallew fil-vettura. It-Tribunal jikkonkludi illi l-fatt li c-cweivet kienu jithallew fil-vettura din setghet tigi uzata facilment minn kullhadd minghajr kontroll shih tal-‘*foreman’.*

Mill-provi dokumentali jirrizulta illi l-attur beda l-impieg mas-socjeta’ konvenuta fl-ewwel ta’ Settembru, 2005 u l-

impieg tieghu gie tterminat fil-11 ta' Marzu, 2006. B'Kollox kien hadem ftit 'l fuq minn sitt xhur.

It-Tribunal jirrilleva li s-socjeta' konvenuta kienet involuta fil-kostruzzjoni ta' l-isptar Mater Dei.

Illi meta gara l-incident l-attur kien ilu impjegat ghal xahrejn u nofs mas-socjeta' konvenuta. Illi fil-fehma tat-Tribunal matul il-perjodu ta' '*probation*' impjegat joqghod aktar attent illi xoghlu jaghmlu sew u li jobdi kwalunkwe' struzzjoni li tkun qeghda tinghatalu mis-supejuri tieghu. Bhala lavrant, l-attur kien jiehu struzzjonijiet primarjament minn Cajal il-'*foreman'* tas-socjeta' konvenuta u ta' dan it-Tribunal huwa konvint.

Illi t-Tribunal m'huwiex konvint illi l-verzjoni tal-'*foreman*' hija veritjiera, fil-waqt illi jemmen il-verzjoni ta' Leonard Cuschieri, l-principal tieghu, meta qal illi huwa qatt ma ta ebda struzzjonijiet lill-attur sabiex isuq il-vann tieghu.

It-Tribunal huwa konvint mix-xhieda tal-attur meta jghid illi ma kienetx l-ewwel darba illi huwa kien saq il-vann. Mill-provi jirrizulta illi wara l-incident f'Novembru 2005, is-socjeta' attrici ma kienetx itterminat l-impieg tal-attur, izda halliet lill-attur fl-impieg taghha ghal kwazi erba' xhur ohra u ddeciediet titterminalu l-impieg tieghu ma' ftit jiem wara eghluq il-perjodu tal- *'probation'*.

It-Tribunal wara li ezamina x-xhieda migjuba quddiemu jasal ghal konkluzjoi illi jezistu zewg verzjonijiet konfliggenti u sabiex jasal ghal soluzzjoni gusta u ekwa ghal vertenza ta' dan il-kaz ha jkollu jistrieh kemm fuq ix-xhieda li sema' '*viva voce*' u kemm fuq evalwazzjoni tal-provi dokumentali.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi meta impjegat jaghmel xi haga li tmur kontra l-ordni tas-superjuri tieghu partikolarment f'kaz serju bhal ma huwa l-kaz quddiem it-Tribunal, u cioe' li ttiehed il-vetura minghajr permess ta' min ikun qed jikmandak l-impjegat kellu jitkecca l-istess gurnata, partikolarment meta l-impjegat kien ghadu fil-perjodu tal-'*probation'*. Izda s-socjeta' konvenuta ghazlet

illi ma titterminalux l-impieg malli saru jafu izda hallew kwazi erba’ xhur ohra jghaddu.

It-Tribunal huwa moralment konvint illi l-attur agixxa taht l-istruzzjonijiet tal-*‘foreman’* tas-socjeta’ konvenuta u li kellu l-permess mehtieg li jsuq il-vettura mill-‘*foreman’* li xehed fil-kawza. Illi kien il-‘*foreman*’ li kien jaghtih struzzjonijiet u ordnijiet. L-Attur bhala lavrant kien jobdi kwalunkwe’ struzzjoni moghtija lilu partikolarment fil-bidu ta’ impieg gdid. Illi mill-provi dokumentali jirrizulta illi l-incident kien sehh fi triq li taghi ghal ‘*Mater Dei’* u dan ifisser illi l-vettura aktarx ma kienetx tinstab fil-konfini ta’ l-Isptar ‘*Mater Dei’* kif ta x’jifhem Cajal. Illi l-incident sehh xahrejn u nofs wara li beda l-impieg tal-attur u mall-incident l-attur ma giex imkecci izda hallew l-eghluq tal-perjodu tal-‘*probation’* jiskadi sabiex jitkecca. Fil-fehma tat-Tribunal jekk lavrant kien daqhekk irresponsabbli kellu jitkecca immedjatament qabel ma ssir iktar hsara.

Illi fil-waqt illi t-Tribunal jemmen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Leonard Cuschieri li ma kienx jaghti lill-attur struzzjonijiet sabiex isuq il-vann mhux qed jemmen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Joni George Cajal, ‘*foreman’* tas-socjeta’ konvenuta.

Illi mid-decizjoni tal-arbitragg jirrizulta illi l-vettura kienet il-proprjeta’ ta’ Leonard Cuschieri. It-Tribunal ghandu ghalhekk sitwazzjoni fejn vettura proprjeta’ ta-konvenut Cuschieri kienet qieghda tintuza minn terzi fuq xoghol tas-socjeta’ konvenuta bil-permess tas-sid. Illi din il-vettura kienet tintuza regolarment mis-socjeta’ konvenuta waqt il-hin tax-xoghol bil-permess tal-prncipal tas-socjeta’ konvenuta u cioe’ il-konvenut Leonard Cuschieri. Illi t-Tribunal huwa konvint illi l-vettura proprjeta’ tal-konvenut Cuschieri get uzata mill-attur bil-permess tal-‘*foreman’* tas-socjeta’ konvenuta ghall-insaputa tal-konvenut Cuschieri.

In konkluzzjoni, t-Tribunal huwa konvint illi l-fatti kif svolgew, jidher illi l-attur kellu permess isuq il-vettura in kwistjoni. Illi ghalkemm il-permess ma kienx mis-sid tal-vettura l-permess kien inghatalu mil-‘*foreman*’

responsabbli ghax-xoghlijiet tas-socjeta' konvenuta, liema socjeta' konvenuta kellha l-permess li tuza l-vettura fuq xoghol ta' l-istess socjeta' konvenuta ghal '*Mater Dei'*. Ghalhekk fic-cirkostanzi ha jkollu jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha fil-konfront tal-konvenuti, hlief ghall-eccezzjoni wahda fil-konfront tal-konvenut fejn it-Tribunal jiddeciedi lli huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante lli huwa qatt ma ta permess lill-attur isuq il-vettura.

Ghadaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju fil-waqt illi jirrespingi l-eccezzonijiet tas-socjeta' konvenuta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur fis-somma ta' elf tmienja u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€1049.85) gja LM450.70 b-ispejjez u l-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz.

Spejjez tal-kawza ghas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------